MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 569/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disa' u tmenin (1989) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala 'Dok. A') u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, X li llum hija maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa` sa mis-sittax (16) ta' Ottubru

tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu numru erbgha (4) tal-imsemmi att ta' separazzjoni u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut;

Illi llum il-gurnata it-tifla tar-rikorrenti Kimberley hija maggorenni, u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Novembru, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Ottubru 1997 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu ta' manteniment reciproku ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali taghhom u illi binthom illum il-gurnata illum il-gurnata hija maggorrenni u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------